**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 5 ta' Dicembru 2024**

Rikors Numru: 348/24 AL

AB

vs

CD

(K.I. 568560 M)

Rat ir-rikors li ġie pprezentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu espona:

1. Illi r-rikorrent izzewweg nhar is-7 ta' Awwissu 1986 u dan kif jirrizulta mill-anness certifikat taz-zwieg u markat Dok A u minn dan iz-zwieg ghandhom tifla Valentina illum maggorenni u tahdem.

2. Illi l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt pubbliku in atti tan-Nutar Dottor Joseph Debono data 17 ta' Jannar 2011 anness u markata Dok B;

3. Illi l-partijiet irrinunzjaw mid-dritt taghhom li jitolbu u jottjenu manteniment minghand xulxin u ma hemmx manteniment u spejjez dovuti lil Valentina stante li adulta u tahdem;
4. Ill illum ma hemm l-ebda  prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni anke ghaliex illum -il gurnata z-zewg partijiet ghandhomhajja totalment separata minn xulxin;
5. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kondizzjonijiet kollha rikjesti mill-ligi ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talab li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien li l-istess Qorti joghgobha timpani, huwa jinforma lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet taghha tad-9 ta' Awwissu  2024;

Rat ir-risposta tal-intimata tat-28 ta' Novembru 2024 a fol 23 li permezz tagħha esponiet;

1. Illi preliminarjament, l-esponenti tirrileva li isimha propju huwa "C" hekk kif jista' jiġi kkonfermat permezz tal-karta tal-identita' tal-esponenti hawn annessa u mmarkata bħala "Dok CG". Barra minn hekkk l-esponenti ssostni li permezz tal-kuntratt ta' separazzjoni ippubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Debono nhar is-sbatax (17) ta' Jannar tas-sena elfejn u ħdax (2011), hi rritornat għal kunjomha xebba u ċioe', "D", u dan kif jirriżulta minn klawsola 18 tal-kuntratt ta' separazzjoni li jinsab anness u mmarkat bħala "Dok B" mar-rikors tar-rikorrent. Għaldaqstant, ikun opportune għall-integrita' tal-ġudizju li ssir korrezzjoni fl-okkju tal-proċedura istanti ai termini tal-Artikolu 175 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex

isem u kunjom l-esponenti jkun jidher bħala “C D”, u mhux “CB”, stante li dan huwa l-isem u l-kunjom li jappartjeni lilha llum il-ġurnata.

2. Illi l-esponenti tikkonferm li hi u r-rikorrenti iżżewġu nhar is-sebgħa (7) t’ Awwissu tas-sena elf disa’ mija u tmenin (1986) u dan kif jirriżulta miċ-ċertifikat anness u mmarkat bħala “Dok A” mar-rikors tar-rikorrent.

3. Illi l-esponenti tikkonferma wkoll li minn dan iż-żwieġ kellhom tifla bl-isem Valentina, li llum il-ġurnata hija maġġorenni u taħdem;

4. Illi mhux kontestat li l-partijiet isseparaw permezz ta’ kuntratt in atti tan-Nutar Dottor Joseph Debono nhar is-sbatax (17) ta’ Jannar tas-sena elfejn u ħdax (2011) u dan kif jirriżulta mill-kuntratt anness u mmarkat bħala “Dok B” mar-rikors tar-rikorrent;

5. Illi l-esponenti taqbel li l-ebda manteniment ma huwa dovut bejn il-kontendenti stante li l-partijiet irrinunzjaw mid-dritt tagħhom li jitolbu u jottjenu manteniment mingħand xulxin, u dan hekk kif jirriżulta minn klawsola 4 tal-kuntratt ta’ separazzjoni;

6. Illi l-esponenti taqbel ukoll li l-ebda manteniment m’hu dovut lil V stante li llum il-ġurnata hi adulta u taħdem;

7. Illi l-esponenti taqbel li ma hemm l-ebda ċans ta’ rikonċiljazzjoni bejnha u bejn ir-rikorrent stante li l-partijiet ilhom separate b’ kuntratt għal dawn l-aħħar tlettax-il (13) sena, u llum il-ġurnata jgħixu ħajja totalment separata minn xulxin;

8. Illi l-esponenti għaldaqstant ma topponix għat-talba tal-ottjeniment tad-divorzju għalkemm topponi għall-ispejjeż tal-proċeduri odjerni;

Tant għandha x’ tissottometti l-esponenti f’dan l-istadju a savju ġudizzju ta’ din il-Qorti.

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-17 ta' Jannar 2011;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi żmien għaxart ijiem minn meta s-sentenza ssir *res judicata*, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.